TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 102/13/GB

**Hannah McGivern**

**vs**

**Andre Vella Borda obo Eurosposa**

Illum 23 ta' April 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fid-9 ta' Mejju, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' mitt Ewro (€100.00), rapprezentanti depozitu fuq libsa tat-tieg, li hija hallset lill-intimat; ir-rikorrenti talbet ukoll illi ma thallasx il-bilanc rimanenti fuq l-istess libsa tat-tieg fl-ammont ta' elf u sitt mitt Ewro (€1,600.00); u dana stante illi r-rikorrenti kienet biddlet il-fehma taghha u ma xtaqitx tixtri l-libsa tat-tieg in kwistjoni.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub, kif ukoll kontro-talba bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata ta' l-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fit-8 ta' Jannar 2013 hija marret flimkien ma' habiba taghha fl-istabbiliment maghruf bhala "Eurosposa" fil-Mosta fejn ippruvat xi lbiesi tat-tieg. Ir-rikorrenti ppruvat diversi lbiesi u ghazlet wahda li kienet toghgobha. Meta staqsiet lis-salesgirl dwar il-prezz tal-libsa, l-istess salesgirl infurmatha li biex taghmel ordni trid thalli deposit ta' flus u f'kaz li tbiddel l-idea taghha tista' tikkancella l-ordni u tiehu l-imsemmi deposit lura.

Fl-10 ta' Jannar 2013, ir-rikorrenti regghat marret fl-istabbiliment tal-intimat u wara li regghat ippruvat il-libsa li kienet ghogbitha, iddecidiet li thalli deposit ta' mitt Ewro (€100.00) abbazi

ta' dak li qaltilha s-salesgirl jumejn qabel. F'dak il-hin, is-salesgirl li kien hemm imliet l-'"order form" bid-dettalji tal-libsa u tar-rikorrenti u nizzlet ukoll il-prezz tal-libsa u l-ammont imholli mir-rikorrenti.

Ma kien hemm bzonn li jsiru l-ebda forma ta' alterazzjonijiet lil din il-libsa u l-istess libsa kienet qieghda fix-showroom ta' l-intimat.

Illi minhabba cirkostanzi partikolari taghha, ir-rikorrenti ndunat li ma kienitx f'pozizzjoni li setghat tonora l-pagament tal-libsa u fis-17 ta' Jannar 2013 cemplet lill-istabbiliment "Eurosposa" u nfurmathom li kienet se tikkancella l-ordni li ghamlet. Dak il-hin hi kellmet lill-intimat, li jigi sid l-istabbiliment imsemmi, u qalilha li skond il-Ligi Maltija ma setghatx tikkancella l-ordni ladarba ghamlitha u kien se jkollha thallas is-somma kollha dovuta.

X'hin semghat hekk, ir-rikorrenti nfurmatu li disat ijiem biss qabel kienet infurmata mis-salesgirl li jekk tikkancella l-ordni tkun tista tiehu d-deposit lura. L-intimat qalilha li dan ma kienx minnu u li jekk ma thallasx kien se jiehu proceduri legali kontriha ghall-bilanc rimanenti. F'dak il-hin, ir-rikorrenti offriet lill-intimat li jzomm is-somma bhala depozitu bhala kumpens ghall-kancellament, izda l-intimat ma accettax din l-offerta u eziga maghha li thallas il-bilanc rimanenti, minkejja li spjegatlu c-cirkostanzi partikolari taghha.

F'din l-istess telefonata, l-intimat qal lir-rikorrenti illi l-"order form" tammonta ghall-kuntratt u li skond din l-istess formola, hi obbligata li thallas is-somma kollha u ma tistax tirtira minn tali obligazzjoni.

Illi minkejja li r-rikorrenti, anke permezz tal-konsulent legali taghha, ippruvat tasal ghal kompromess mal-intimat, dan baqa' jippersisti fit-talbiet tieghu u b'hekk ir-rikorrenti irrikorriet ghand l-Awtorita' Maltija ghall-Affarijiet tal-Konsumatur u l-Kompetizzjoni (MCCAA) biex tinstab xi soluzzjoni ghall-vertenza de quo, izda tali negozzjati ma kellhomx success.

Illi b'hekk ir-rikorrenti ma kellha ebda ghazla ohra hlief li tirrikorri ghall-proceduri odjerni.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qieghda titlob lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara illi l-kondizzjonijiet marbuta ma' dan il-bejgh, senjatament il-kondizzjonijiet misjuba fl-"order form" jammontaw ghal espressjonijiet ipprojbiti u jammontaw ukoll ghal att mhux gust u konsegwentement jiddikjara lir-rikorrenti libera mill-obligazzjonijiet taghha versu l-intimat u konsegwentement jordna lill-istess intimat sabiex jirrifondi lura lir-rikorrenti is-somma minnha mhollija bhala depozitu.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja tal-"order form", immarkata bhala Dok.A; flimkien ma' kopja tal-ittra legali datata 11 ta' Frar 2013 indirizzata lir-rikorrenti, immarkata bhala Dok.B.

**L-intimat issottometta bil-miktub illi:-**

It-talba tar-rikorrenti hija assolutament infondata kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt mhux biss ghaliex l-"order form" li giet iffirmatha minnha stess tikkonstitwixxi f'kuntratt ta' bejgh izda anke ghaliex il-kundizzjonijiet tal-istess bejgh u l-implikazzjonijiet taghhom gew imfissra b'mod car lir-rikorrenti qabel ma din iffirmat l-istess "order form".

Illi inoltre hija allegazzjoni inveritiera u vessatorja dik maghmula mir-rikorrenti u cioe' illi l-kondizzjonijiet misjuba fl-"order form" huma ngusti jew ipprojbiti u hija ukoll falza l-allegazzjoni illi xi rapprezentanta tal-intimat tat il-fakolta' lir-rikorrenti illi tikkancella l-ordni u tiehu d-depozitu lura ghall-kumdita' taghha wara li tiffirma l-ftehim.

Bl-ispejjez.

L-intimat ezebixxa kopja tal-"order form", immarkata bhala Dok.A; flimkien ma' kopja tal-ittra legali datata 11 ta' Frar 2013 indirizzata lir-rikorrenti, immarkata bhala Dok.B.

**Fil-kontro-talba tieghu, l-intimat issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa qieghed jitlob is-somma ta' elf u sebgha mitt Ewro (€1,700.00) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' libsa tat-tieg mibjugha lill-intimata fuq ordnijiet taghha stess, liema libsa baqghet ma ngabritx minghand l-istess intimata minkejja li diga' giet mitluba sabiex tigborha. Ghal kull buon fini jinghad illi l-intimata tilfet il-beneficcju taz-zmien u r-rikorrent gie sfurzat jibda dawn il-proceduri minhabba li l-intimata ghamlitha cara illi hija biddlet hsiebha u m'hijiex behsiebha thallas oltre dak illi gia hallset bhala parti mill-prezz.

Minkejja li giet interpellata thallas permezz tal-ittra bonarja datata 11 ta' Frar 2013, hija baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata ngunta in subizzjoni.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi.

**Fir-risposta ghall-kontro-talba, ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

1. L-azzjoni proposta fil-kontro-talba odjerna hija intempestiva stante li skond l-"order form" stess ipprezentata, l-ammont dovut fi zmien sitt xhur mid-data tax-xiri, liema data m'hijiex specifikata fl- "order form" imsemmija.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz m'huwiex dovut stante li, kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrent, ma gie ffirmat l-ebda kuntratt ta' bejgh bejn il-partijiet u d-dokument A m'hu xejn ghajr "order form" li jindika l-ispecifikazzjonijiet u l-prezz ta' l-oggetti hemm imsemmija.

3. Illi di fatti, l-istess dokument jispecifika li huwa formola ta' kuntatt u mhux kuntratt, stante li dan id-dokument jistipola li huwa ordni meqjusa bhala kuntatt ta' bejgh fil-kliem "this order is a contact of sale".

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fi kwalunkwe kaz, tali obligazzjonijiet fuq il-konsumatur huma espressjonijiet projbiti u jammontaw ghal att mhux gust ai termini tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk ma jorbotx lill-intimata bhala konsumatrici stante li huwa null "ab initio".

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimata stess offriet kumpens adegwat lir-rikorrent bhala sinjal ta' rieda tajba, liema offerta qieghda minn issa tigi rtirata ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

6. Illi di piu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rimedju mitlub mir-rikorrent huwa eccessiv meta jigi kkunsidrat illi l-libsa de quo kienet qieghda fl-istabbiliment tieghu u ma saru l-ebda alterazzjonijiet fuq l-imsemmija libsa u b'hekk ir-rikorrent ma garrab l-ebda danni bl-agir tal-intimata rikonvenzjonata.

7. Salv eccezzjonijiet ohra.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet dokument bi tliet (3) ritratti, li gie mmarkat bhala Dok.HM1; flimkien ma' hames (5) dokumenti ohra li gew immarkati bhala Dok.HM2 sa Dok.HM6.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi l-intimat, fix-xhieda guramentata tieghu, rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

L-intimat ezebixxa zewg (2) dokumenti, li gew immarkati bhala Dok.AVB1 u Dok.AVB2.

Xehdet Nadine Sacco, prodotta mill-intimat, fejn fix-xhieda guramentata taghha, hija stqarret illi kienet is-salesgirl li kienet qdiet lir-rikorrenti z-zewg darbiet illi hija kienet marret il-hanut. Hija cahdet kategorikament illi hija qatt kienet qalet lir-rikorrenti illi hija setghat tiehu lura d-depozitu fil-kaz illi hija tbiddel il-fehma taghha rigward il-libsa tat-tieg.

In kontro-ezami, l-istess xhud regghat ikkonfermat illi hija qatt ma semmiet xejn lir-rikorrenti rigwardanti xi *"change of heart"*.

It-Tribunal jaghmel referenza ghall-ewwel eccezzjoni ssollevata mill-intimata rikonvenzjonata fir-risposta ghall-kontro-talba, fejn gie sottomess li *"l-azzjoni proposta fil-kontro-talba odjerna hija intempestiva stante li l-"order form" stessipprezentata mill-attur, l-ammont dovut fi zmien*

*sitt xhur mid-data tax-xiri, liema data m'hijiex specifikata fl-"order form" imsemmija"*, u jirrileva illi l-"order form" (Dok.A) kienet iddatata 10 ta' Jannar 2013, ghalhekk l-10 ta' Jannar 2013 kienet id-data ta' xiri, u l-intimata rikonvenzjonata kellha thallas l-ammont in toto fi zmien sitt (6) xhur minn din id-data (*"Client is to make full payment within 6 months from date of purchase..."*). Illi l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi gie pprezentat fid-9 ta' Mejju, 2013, u cioe' fit-terminu tas-sitt xhur (6) indikati f'Dok.A.

It-Tribunal jidhirlu li f'dan ir-rigward ma hemmx dubju li ghandu jigi applikat il-principju tal-*jus superveniens*, liema kuncett gie applikat mill-Qrati taghna *"anke meta difett inizjali gie sanat bis-sopravenienza tad-dritt per ezempju wara l-eccezzjonijiet, sahansitra wkoll meta l-kawza kienet fi stadju ta' appell"* (ara **"Galea vs Zammit Haber"** – Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – 9 ta' Mejju 2007 – ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tal-14 ta' Mejju 2010), u kwindi: *"l-azzjoni illi qabel tkun difettuza tigi imsahha. Il-fondament ta' dan huwa precizament l-ekonomija tal-gudizzju u tal-ispejjez"* (ara **"Vella vs Dr Galea"** – Vol XXXIII-i- p.254) Il-Qrati taghna matul is-snin kellhom okkazjoni jiddikjaraw illi *"it-teorija tal-jus superveniens giet dejjem applikata mill-Qrati taghna ghall-kazijiet meta minghajr ma tbiddel id-domanda sew ghal oggett jew ghall-kawza, ghalkemm l-attur ma kellux dak id-dritt li jkun qed jitlob fil-mument tac-citazzjoni izda dak id-dritt minnu mitlub jigi jsehh fil-mori tal-gudizzju, allura l-gurisprudenza in bazi tad-duttrina wisq akkreditata, dejjem accettat li minflok issir kawza ohra, dak id-dritt li jkun mitlub fic-citazzjoni u li gie in ezistenza jew fl-ezercizzju tieghu waqt il-kawza, jista jkun deciz f'dik l-istess kawza"* (ara **"Falzon vs Camilleri"** – Qorti tal-Appell – 8 ta' Frar 1943).

Dan it-Tribunal jghid illi fil-kawza tal-lum ma hemmx lok li jiehu aktar konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni ssollevata mill-intimata rikonvenzjonata fir-risposta ghall-kontro-talba, stante illi bl-iskadenza tat-terminu ta' sitt (6) xhur (terminu stipulat fi Dok.A), ghalkemm fil-mori tal-kawza, giet stabbilita r-regolarita' ta' dan il-procediment abbazi ta' *jus superveniens*.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jaghmel referenza ghall-"order form" in kwistjoni (Dok.A ezebit in atti), fejn hemm stipulat b'mod car daqs il-kristall: *"Once the order form is signed, the client is obliging himself/herself to purchase the items listed in the same order form"* u jikkonkludi illi nonostante l-fatt illi ntuzat il-kelma *"contact"* minflok *"contract"* dan bl-ebda mod ma jammonta ghal att mhux gust minhabba espressjonijiet ipprojbiti, ghaliex il-kliem l-ohra li ntuzaw fl-"order form" ma hallew assolutament xejn ghall-imaginazzjoni tal-konsumatur, u se mai kienu cari u semplici bizzejjed sabiex jinftehmu minn kwalunkwe konsumatur. It-Tribunal josserva, illi hekk skond ir-rikorrenti fix-xhieda guramentata taghha, u fuq domandi tat-Tribunal stess: *"I recognize my signature on the form. I confess that I read the fine print after I had signed the document."* Illi apparti minn din l-ammissjoni da parti tar-rikorrenti, it-Tribunal josserva wkoll dak li Nadine Sacco stqarret fix-xhieda guramentata taghha, fejn in ezami hija xehdet: *"...I told her that she was obliged to pay for the dress since she paid the deposit......I never said anything to her and I deny categorically that I ever told her that she can have her deposit back should she change her mind"* u in kontro-

ezami xehdet: *"I confirm that I have never mentioned anything about a change of heart."* Illi ghalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti. Abbazi ta' l-istess ragunijiet, it-Tribunal qed jilqa' l-kontro-talba ta' l-intimat pero' biss in parte, u cioe' qed jilqa' l-ammont tal-kontro-talba fl-ammont ta' elf u sitt mitt Ewro (€1,600.00), in vista tal-fatt illi tali kontro-talba saret fl-ammont ta' elf u sebgha mitt Ewro (€1,700.00), meta fil-fatt ir-rikorrenti kienet diga' hallset depozitu fl-ammont ta' mitt Ewro (€100.00), liema ammont kellu ghalhekk jinqata' mill-ammont totali ta' elf u sebgha mitt Ewro (€1,700.00), u jordna lir-rikorrenti tigbor il-libsa tat-tieg in kwistjoni mill-istabbiliment tal-intimat, (liema libsa tat-tieg saret propjeta' tar-rikorrenti fid-data li hija ffirmat l-"order form, u cioe' fl-10 ta' Jannar 2013), u thallas l-ammont pendenti ta' elf u sitt mitt Ewro (€1,600.00) lill-intimat, bl-ispejjez kollha tal-kawza kontra r-rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**